Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **29 ta' Novembru 2021**

**Pittura ta' żmien il-Kavallieri tinstab waqt restawr iffinanzjat mill-BOV**

Pittura fuq ħajt, li aktarx tmur lura għal żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann u li nkixfet waqt li għaddej il-proġett tar-restawr tal-Gran Salon, hija l-uniku element magħruf s'issa li jista' jiżvela tagħrif dwar l-iskema dekorattiva ta' din is-sala qabel il-perjodu bikri tas-seklu 19.

Il-Gran Salon hija sala maestuża fil-Berġa ta' Provenza, fejn hemm il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija. Fl-2017, Heritage Malta, bl-appoġġ tal-Bank of Valletta, bdiet xogħol estensiv ta' restawr u konservazzjoni f'din is-sala. Matul dan il-proġett, u bl-għajnuna ta' analiżi xjentifika, qed jinġabar tagħrif dwar il-pitturi tal-bidu tas-seklu 19 fuq il-ħitan, biex ikunu jistgħu jiġu kkonservati bl-aħjar mod possibbli. S'issa ġew restawrati u kkonservati nofs il-ħitan tal-Gran Salon.

Dan l-aħħar ir-restawraturi skoprew evidenza ta' ħnejja li kienet ġiet imbarrata. Riċerka storika identifikat żewġ fuklari li aktarx saru mill-Ingliżi fis-seklu 19 fuq wieħed mill-ħitan. Waqt li kienet qed titneħħa parti li kienet inqalgħet minn mal-ħnejja imbarrata, dehru elementi dekorattivi li huma differenti għalkollox mill-iskema kurrenti ta' tiżjin tal-Gran Salon.

Parti żgħira mill-ħnejja nfetħet biex isir aktar stħarriġ u b'hekk inkixfet il-pittura li aktarx kienet tgħattiet bl-iskema dekorattiva kurrenti u li, għalkemm miksija bin-nugrufun, hija relattivament intatta. Il-parti mikxufa turi parti minn id qed iżżomm foxxna bi tliet ponot, li normalment hi marbuta ma' figuri mitoloġiċi. Il-bqija tal-pittura għalissa għadha moħbija wara l-fuklar u wara l-ħnejja.

S'issa din il-pittura hi l-uniku element eżistenti bil-potenzjal li jikxef informazzjoni dwar l-iskema dekorattiva tal-Gran Salon qabel ma dan l-ispazju ċeremonjali importanti ngħata bixra ġdida fil-bidu tas-seklu 19. Il-bqija tal-pittura għalissa għadha moħbija wara l-fuklari u wara l-ħnejja.

Peter Halsor, Chief Marketing Officer tal-BOV, iltaqa' mal-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, u mal-Kap tal-Operat tal-aġenzija, Kenneth Gambin, biex flimkien jaraw mill-qrib din is-sejba importanti.

'Il-Bank of Valletta ħa sehem f'bosta proġetti prestiġjużi ta' restawr matul is-snin, skont il-miri ESG li jħaddan u r-rwol tiegħu fil-komunità Maltija,' qal Peter Halsor. 'Din hija sejba eċċitanti ħafna li żgur se tixħet aktar dawl fuq l-istorja ta' din il-binja matul is-snin permezz ta' proġett appoġġat mill-bank.'

'Dan huwa l-bidu ta' vjaġġ ġdid fir-restawr ta' dan l-ispazju ċeremonjali impressjonanti,' qal Noel Zammit. 'Bl-inqas intervent possibbli, parti żgħira mill-ħnejja nfetħet biex isir aktar stħarriġ u issa se ssir investigazzjoni interdixxiplinarja biex tkun analizzata u riċerkata aħjar is-sejba ta' din l-iskema dekorattiva bikrija.'

Is-Sur Zammit semma kif dan il-proġett ta' restawr inbeda erba' snin ilu grazzi għal sħubija bejn il-BOV u Heritage Malta u sa issa l-konservaturi rrestawraw u kkonservaw nofs il-ħitan tal-Gran Salon huma u jagħmlu analiżi xjentifika u jiġbru l-informazzjoni. Ladarba r-restawr jitlesta, Heritage Malta se tiftaħ dan l-ispazju għall-pubbliku. Sadanittant wieħed jittama li jkun hemm aktar skoperti u sorpriżi matul dan il-vjaġġ.